TRIBUNAL GĦAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 242/11

**Jane Abdilla**
**vs**
**Exotique**

Illum 6 ta' Frar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-25 ta' Mejju, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifużjoni ta' tnejn u tletin ewro, u disgħa u disgħin ċenteżmi (€32.99), rappreżentanti prezz ta' *headphones* li hekk kif xtrawhom mill-ħanut, kien fihom xi ħaġa mkissra.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, għalkemm attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ġuramentata tas-soċjeta' intimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti issottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *headphones* mill-ħanut Exotique għal prezz ta' tnejn u tletin ewro u disgħa u disgħin ċenteżmi (€32.99), u s-sales person fetaħ dan is-sett tal-*headphones* bi *flick-knife*. Meta t-tifla tar-rikorrenti marret biex tħoll is-siġill, il-wire li kien marbut inqata' mill-parti t'isfel tal-widna u minkejja li nfurmaw lis-sales person li kien maqtugħ, irrifjutaw li jagħtu l-flus lura.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi kienet it-tifla li qatgħet dan il-wire u għalhekk qed tirrifjuta li tagħti l-flus lura.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi mhix kredibbli l-verżjoni tas-soċjeta' intimata illi t-tifla qatgħet il-wire mil-*headphones* meta kienet qegħda tipprova tneħħi s-siġill.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tnejn u tletin ewro, u disgħa u disgħin ċenteżmi (€32.99), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata, b'dan illi l-*headphones* jiġu propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**